MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2012

Numru. 940/2012

Il-Pulizija
(Sp Robert Said Sarreo)
vs
Daniel Grima, iben Patrick, imwieled Pieta’ fit-28 ta’ Awwissu, 1992, karta ta’ l-identita numru 481092(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat li b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, liema atti ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda:

1. talli matul ix-xahar ta’ Settembru, 2012 u fix-xhur ta’ qabel minn ġewwa l-fond ‘Saviour’, Flat 1, Triq is-Salvatur, Kalkara ikkometta serq ta’ diversi oġġetti liema serq hu kkwalifkat bil-valur li ma jeċċedix il-€2,329.37, bil-lok u bil-persuna għad-dannu ta’ Joseph Mary Mifsud mill-Kalkara u/jew persuni oħra;
2. talli fl-14 ta’ Settembru, 2012 għal ħabta tan-nofs siegħa ta’ fil-għodu (0030) ġewwa l-fond ‘Saviour’, Flat 1,

Triq is-Salvatur, Kalkara kkawża ħsara volontarja, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' bieb ta' l-aluminium għad-dannu ta' Joseph Mary Mifsud mill-Kalkara u/jew persuni oħra liema ħsara hi ta' aktar minn €116.47;

3. talli matul ix-xahar ta' Settembru u fix-xhur ta' qabel ġewwa dawn il-Gżejjer, kellu fil-pussess tiegħu d-droga 'eroina' speċifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmijia fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292 ta' l-1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. talli fl-14 ta' Settembru, 2012 għal ħabta tan-nofs siegħa ta' fil-għodu (0030) ġewwa l-fond 'Saviour', Flat 1, Triq is-Salvatur, Kalkara ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' nannuh Joseph Mary Mifsud skont kif iċċertifika Dr. Stephanie Sofia miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid;

5. talli fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Settembru, 2012 ġewwa l-fond 'Saviour', Flat 1, Triq is-Salvatur, Kalkara insulenta u hedded lil nannuh Joseph Mary Mifsud bi kliem u/jew ġesti;

6. talli fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Settembru, 2012 ġewwa l-fond 'Saviour', Flat 1, Triq is-Salvatur, Kalkara kiser l-ordni u il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;

7. talli fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Settembru, 2012 ġewwa l-fond 'Saviour', Flat 1, Triq is-Salvatur, Kalkara ġab ruħu b'tali mod li kkaġuna lil ħaddieħor biża li ser tintuża vjolenza, meta kif jaf jew missu kien jaf li b'tali mġieba tiegħu, ser jikkaġuna lil ħaddieħor biża;

8. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi kiser il-provvedimenti ta’ Probation Order mogħtija fil-konfront tiegħu b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), tat-13 ta’ Jannar, 2010 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;
9. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-provvedimenti ta’ Probation Order mogħtija fil-konfront tiegħu b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-15 ta’ Ottubru, 2010 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta’ tal-persuni hawn fuq indikati.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Settembru, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(ċ)(d)(e), 267, 268(b), 269(g), 279(a), 280(1), 221(1), 251A, 325(1)(b), 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikoli 9, 10 u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta u tikkundannah għal piena ta’ sena priġunerija u għal ħlas ta’ multa ta’ elf euro (€1,000).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------